MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 512/2014

**Franco Buttigieg (ID139463M) u Anna Maria Buttigieg (ID 407268M) ghan-nom u in rapprezentanza ta' binhom minuri Nicholas Karl Buttigieg (ID 290297M) in kwantu kuraturi ta' l-istess minuri**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Franco Buttigieg (ID 139463M) u Anna Maria Buttigieg (ID 407268M) bhala kuraturi ta’ binhom minuri Nicholas Karl Buttigieg datat 13 ta’ Gunju 2014 fejn Franco Buttigieg bil-gurament tieghu espona : -

Illi l-esponenti huma il-genituri tal-minuri Nicholas Karl Buttigieg li illum ghandu 16-il sena u ghalhekk  il-kura u l-kustodja ta’ l-istess minuri hija fdata f’idejhom *ai termini* tal-Artikolu 131 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta’ Malta, u dan kif johrog car mic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat Dok A.

Illi ghalkemm il-minuri jismu Nicholas Karl kif inhu imnizzel fuq ic-certifikat tat-twelid, huwa fil-verita` maghruf bhala Nicky mhux biss mill-qraba tieghu imma wkoll mill-hbieb tieghu u minn prattikament kull min jafu.

Illi l-minuri juza l-isem ta’ Nicky u tuza l-istess isem ghalih il-familja tieghu u dan huwa l-isem li bih il-minuri huwa konsistentament imsejjah.

Illi apparti minn hekk il-minuri, ghalkemm originarjament registrat ma’ l-iskola St. Edwards College bhala Nicholas Carl, huwa imsejjah minghand l-ghalliema, studenti, u l-amministrazzjoni tal-iskola bhala Nicky, tant li f’certi certifikati mahrugin mill-istess skola ismu xi drabi huwa imnizzel bhala Nicky u dan kif johrog car mid-dokumenti Dok B sa D annessi. Illi dan gie ukoll ikkonfermat minn George Psaila, ossija l-principal ta’ St. Edwrad’s College, fl-ittra tieghu datata 16 ta’ Mejju 2014.

Illi l-minuri gie registrat bhala Nicky flok Nicholas Karl f’diversi affarijiet u attivitajiet ohra li huwa attenda u/jew kien parti minnhom tul is-snin kif johrog car mid-dokumenti  annessi u mmarkati Dok E u F. Illi effettivament fil-verita` ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-minuri l-isem Nicholas Karl Buttigieg ma jintuza qatt u ma jissemma imkien ghajr fuq dokumenti ufficjali.

Illi dan qieghed jikkawza konfuzjoni li qieghda tkun ta’ detriment ghall-minuri, fejn certu atti fejn ismu gie imnizzel bhala Nicky ma jikkombacux ma’ l-isem proprju tal-minuri u l-isem li jidher fuq id-dokumenti ufficjali mahruga mill-awtoritajiet kompetenti.

Illi sahansitra dan l-ahhar il-minuri kien prekluz milli jsiefer fuq gita edukattiva ma’ l-iskola tieghu *stante* illi l-biljett ta’ l-ajru kien isejjah lil Nicky Buttigieg filwaqt li l-passaport u l-karta ta’ l-identita` tieghu jghajtu lil Nicholas Karl Buttigieg.

Illi ghalhekk jentieg illi ma’ isem il-minuri jizdiedu l-kliem *sive* Nicky, *ergo* isem il-minuri jsir Nicholas Karl  *sive* Nicky Buttigieg, u dan sabiex tigi elimanata kull konfuzjoni koncernanti l-istess minuri u b’dan jigu evitati sitwazzjonijiet li certament ser jinqalghu lill-minuri u li gia inqalghu, fejn l-isem fuq dokumenti ufficjali mahruga minn entitajiet governattivi jkun differenti minn certifikati u dokumentazzjoni ohra li jsejhu lit-tifel bl-isem li kullhadd jafu bih, ossija bl-isem Nicky, u dan a detriment tal-minuri stess. Illi b’kull probabbilita` tali problema tista’ biss tizdied tul is-snin meta l-minuri ‘l quddiem jibda jattendi l-Universita`, jsib impjieg u jiqba jaghmel atti civili.

Illi l-esponenti jafu b’dawn il-fatti personalment u qieghed jikkonfermahom bil-gurament tieghu Franco Buttigieg.

Ghaldaqstant l-esponenti qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa u opportuna:

1. Tiddikjara illi l-minuri Nicholas Karl Buttigieg huwa maghruf bhala Nicky Buttigieg u li l-minuri huwa konsistentement imsejjah bhala Nicky Buttigieg *ai termini* tal-Artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tiddikjara illi isem il-minuri ghandu jinqara Nicholas Karl *sive* Nicky Buttigieg u konsegwentament tiddikjara illi ghandhom jizdiedu l-kliem *sive Nicky* kif hawn fuq spjegat u/jew li isem il-minuri ghandu jinbidel ghall-Nicholas Karl *sive* Nicky Buttigieg.

3. Konsegwentament tordna l-bdil u/jew zieda affetwata ghandha tigi riflessa kemm fl-att tat-twelid ta’ l-istess tifel, il-passaport, il-karta ta’ l-identita`, kif ukoll f’kull att ta’ l-istat civili tal-minuri *ai termini* tal-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-emendi kollha neccessarji.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta’ Lulju 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Regsitru Pubbliku datata 9 ta’ Lulju 2014 (fol 21) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu ddikjara u kkonferma dan li ġej:

1 Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li r-rikors guramentat huwa nieqes minn element essenzjali u cioe` m`hemmx l-avviz *ai termini* tal-artikolu 156(1)(d) tal-Kap. 12;

2. Illi minghajr pregudizzju, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża *a tenur* tal-**Artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent jirrileva li l-isem "Nicky" huwa effettivament akkorcjament tal-isem "Nicholas" u allura japplika l-proviso tal-artikolu 253(2). L-esponent jaghmel ukoll referenza għal żewġ sentenzi li ingħataw mill-Qrati Maltin fuq materja simili u cioe` l-ġudikat tal-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "***Nardu Balzan Imqarreb vs. Direttur tar-Registru Pubbliku***" deciz fit-30 ta` Gunju 2004 u l-ġudikat tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "***Stefania maghrufa bl-isem Steffi Vella Laurenti vs. Direttur tar-Registru Pubbliku"*** deċiz fit-22 ta` Frar 2013.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi wkoll sottomess illi l-artikolu 253(3) tal-Kap.16 jitkellem dwar talba sabiex il-bdil effettwat fl-att tat-twelid jigi rifless f'kull att ta' l-istat civili relattiv ghall-istess persuna u, fejn ikun hemm, ghal ulied u dixxindenti ulterjuri ta' dik il-persuna. Illi l-atti li taghmel referenza ghalihom il-ligi f'dan ir-rigward huma atti ta' stat civili, liema att jinkorporaw fihom atti tat-twelid, zwieg u mewt. Illi ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti sabiex kwalsiasi bdil fl-atti tat-twelid, jekk awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti, jigi rifless fil-karta ta' l-identita` u fil-passaport tar-Repubblika ta' Malta ma tistax tintlaqa' *stante* li tali dokumenti ma jaqghux fil-parametri ta' dan l-artikolu tal-ligi.

5. Illi bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talba u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

6. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Dicembru 2014 mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Daniel Buttigieg ghar-rikorrent. Deher Dr. Maurizio Cordina ghad-Direttur Registru Pubbliku li pprezenta nota b' dokument u ghadda kopja lid-difensur tal-kontro parti. Il-partijiet iddikjaraw li ma fadlilhomx provi u r-rikors seta' jigi differit ghas-sentenza, b' dan illi r-rikorrent gie awtorizzat li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet sa mhux aktar tard mill-15 ta' Jannar 2015 bil-*visto* tal-kontro parti li kellu sat-30 ta' Jannar 2015 ghan-nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Frar 2015.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti u dik tal-intimat.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din it-talba qed issir a tenur tal-artikolu **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament skont il-Ligi.[1]

Ir-rikorrenti, bhala genituri tal-minuri Nicholas Karl Buttigieg ressqu din l-azzjoni sabiex l-att tat-twelid ta' binhom jigi korrett jew li jsir zieda peress li il-minuri hu konsistentement maghruf bl-isem "Nicky" u mhux bl-isem Nicholas Karl.

### Eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku

L-intimat, fl-ewwel eccezzjoni tieghu, issolleva n-nullita' tar-rikors guramentat billi dan hu monk mill-avviz rikjest *ai termini* tal-artikolu 258(1)(d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-eccezzjoni giet sorvolata fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2014 fejn il-Qorti, fuq talba mhux opposta ordnat li ssir korrezzjoni apposita.

[1] Estratt esebit a fol 23 tal-process.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar tal-ewwel eccezzjoni sollevata.

It-tieni eccezzjoni hi wkoll sorvolata billi l-pubblikazzjoni rikjesta mill-artikolu 254 tal-Kap.16 saret skont il-Ligi.

Bit-tielet eccezzjoni, l-intimat invoka l-proviso tal-artikolu 253(2) tal-Kodici Civili b'kontestazzjoni ghat-talba attrici.

**L-artikolu 253(2)**

Il-proviso ghall-**artikolu 253(2)** jghid is-segwenti:

*"Izda, it-talba gudizzjarja msemmija f'dan is-subartikolu m'ghandhiex issir meta l-isem jew l-ismijiet li l-persuna tkun uzat jew tkun uzat ghaliha l-familja taghha jkunu biss verzjoni imqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv."*

Il-kontestazzjoni ewlenija f'dan il-kaz hija pernjata fuq l-applikazzjoni ta' dan il-proviso skont liema, it-talba odjerna biex ikun hemm korrezzjoni abbasi ta' isem abbrevjat  jew ta' verzjoni imqassra tal-isem ma tistax issir.

Bhala rizultanzi fattwali ma hemmx dubbju li l-minuri huwa maghruf bl-isem 'Nicky' fis-sens li hu imsejjah mill-ghalliema tieghu, u anke maghruf

*ai fini* tal-amministrazzjoni tal-iskola li jattendi, b'dan l-isem. Ir-rikorrenti jghidu li rriskontraw problema sahansitra meta gie biex isiefer ghaliex l-isem fuq il-passaport tieghu, li hu l-isem li jidher fuq l-att tat-twelid tieghu, ma kienx l-istess bhal dak fuq il-biljett tal-ajru li kien juri l-isem 'Nicky'. Dwar dan din il-Qorti ma tifhimx li kellu jkun hemm problema ghaliex il-genituri, ossia ir-rikorrenti odjerni, ghandhom ikunu ben konsapevoli tal-isem ufficjali li fl-ahhar mill-ahhar kienu huma stess li ghazlu ghal binhom, u misshom assiguraw li d-dokumenti kollha li kellhom bzonn ghat-tifel, kellhom jirriflettu rigorosament l-isem indikat fuq l-att tat-twelid tieghu u partikolarment kif rifless fil-passaport tieghu. Hu ben risaput li biljetti tal-ivvjaggar ghandhom jinhargu skont l-isem indikat fuq il-passaport. Jekk kien hemm problema, dan kien dovut biss ghall-izball tar-rikorrenti minhabba non kuranza taghhom.

Fil-kaz odjern, qed jitolbu korrezzjoni fl-isem muri fuq l-att tat-twelid, jew imqar jizdiedu l-kliem '*sive Nicky*' wara l-isem '*Nicholas Karl.*' Fil-verita' ghalkemm l-isem tal-minuri gie indikat bhala Nicholas Karl, johrog car li dawn huma zewg ismijiet distinti u mhux isem unitarju u li r-rikorrenti qed jirreferu biss ghall-ewwel isem .

L-intimat jaghmel referenza ghal zewg sentenzi li inghataw mill-Qrati Maltin fuq materja simili u cioe' l-gudikat tal-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "***Nardu Balzan lmqareb vs. Direttur tar-Registru Pubbliku***" deciz fit-30 ta' Gunju 2004 u l-gudikat tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"*Stefania maghrufa bl-isem Steffi Vella Laurenti vs. Direttur tar-Registru Pubbliku*”** deciz fit-22 ta' Frar 2013. Din il-Qorti gja kellha l-okkazzjoni li tabbraccja l-principji enunzjati f'dawn is-sentenzi (ara ad ez. **Rudolph k/a Rudy Sollars vs DRP** dec. fl-10 ta' Lulju 2014 (Rik.Gur 948/2013 LSO) u **Annunziata sive Nancy Calleja vs Direttur Registru Pubbliku**, deciza fil-15 ta' Jannar 2015 (Rik.Gur. 904/2014 LSO).

Fil-kaz odjern, jirrizulta mid-dokumenti esebiti li nhargu certifikati kemm fl-isem Nicky kif ukoll fl-isem Nicholas forsi dovut ghall-mod kif l-istess minuri jnizzel ismu skont ic-cirkostanza partikolari. 'Nicky', fil-fehma tal-Qorti, m'hu xejn hlief akkorciment tal-isem 'Nicholas'[2] u kwindi ma hemmx 'bidla' izda tqassir tal-isem. It-tezi tad-difensur tal-atturi li jekk l-isem li hu maghruf bih ir-rikorrent jincidi materjalment fuq l-atti tal-hajja tieghu, u li allura tali isem m'ghandux jitqies bhala abbrevjazzjoni mhix konformi mar-rieda legislattiva kif ser jigi spjegat hawn isfel. Oggettivament l-isem 'Nicky' huwa abbrevjazzjoni tal-isem 'Nicholas' u b'hekk it-talba odjerna ghall-korrezzjoni tesorbita mill-ambitu tal-artikolu 253 tal-Kodici Civili li huwa l-artikolu li jawtorizza tibdiliet fl-atti tal-istat civili.

Fil-kaz **Annunziata sive Nancy Calleja v Direttur tar-Registru Pubbliku** din il-Qorti osservat li l-posizzjoni imfissra fil-proviso ghall-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili (introdott bl-Att XV tal-2012) irriflettiet il-gurisprudenza in materja.

Kif gie ritenut minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz fl-ismijiet "***Nardu Balzan Imqareb v Direttur tar-Registru Pubbliku"*** (PAPS - dec. fit-30 ta' Gunju 2004) b'riferenza ghat-talba attrici f'dik il-kawza ghat-tibdil mill-isem *Leonardo* ghal *Nardu* : "*Finalment kwantu ghat-talba ghat-tibdil fl-isem minn "Leonardo" ghal "Nardu" din il-Qorti, bir-rispett, ma tarax is-serjeta` ta' talba bhal din billi, kif tajjeb gie eccepit mill-konvenut, l-isem pretiz mill-attur mhu xejn hlief abbrevjament ta' l-isem "Leonardo" u ghalhekk l-ebda korrezzjoni ma hi strettament mehtiega.*"

[2] Ara dokument esebit mill-intimat a fol.31 tal-process.

F'sentenza aktar recenti moghtija mill-On. Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet ***"Stefania maghrufa bl-isem Steffi Vella Laurenti v. Direttur tar-Registru Pubbliku"*** (dec. fit-30 ta' Gunju 2004) dik il-Qorti cahdet it-talba attrici sabiex l-isem *Steffi* jigi registrat fuq l-att tat-twelid taghha minflok l-isem hemm imnizzel *Stefania* billi ma rrizultax li dawn l-ismijiet huma distinti. Il-Qorti irriteniet li: "*Korrezzjoni ssir, kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti, mhux biss meta hemm zball fl-isem kif indikat fl-att ta' twelid, izda wkoll meta, tul iz-zmien, ikun hemm bidla fl-isem kif registrat. F'dan il-kaz, pero`, ma hemmx "bidla", izda tqassir tal-istess isem, forsi ghall-konvenjenza. Kwindi l-korrezzjoni mitluba ma tistax tintlaqa'*."

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti hi tal-fehma konsiderata li l-applikazzjoni tal-proviso imsemmi jeskludi l-azzjoni odjerna billi la jirrizulta li hemm zball fl-att tat-twelid u lanqas li l-isem li it-tifel jghid li qed jigi konsistentement imsejjah bih jikkostitwixxi bidla fl-isem tieghu. L-ebda korrezzjoni jew annotazzjoni m'hi mehtiega.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel u tat-tieni eccezzjonijiet tal-intimat, **tilqa'** it-tielet eccezzjoni u **tichad it-talbiet** tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------